**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 15**

It-Tlieta, 14 ta' Ottubru 2025

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fil-5.21 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, il-Whip tal-Gvern l-Onor. Naomi Cachia, il-Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Paula Mifsud Bonnici.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 14 li saret fis-16 ta' Ġunju 2025 kienu kkonfermati.

**XOGĦOL TAL-KAMRA**

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Naomi Cachia, iċċirkolat skeda ta' seduti konnessi mal-Budget 2026, fejn:

1. Il-qari tal-Budget 2026 għandu jsir nhar it-Tnejn, 27 ta' Ottubru 2025 bis-seduta tkun fis-6.00 p.m.;
2. Ir-replika tal-Kap tal-Oppożizzjoni ssir nhar it-Tnejn, 3 ta' Novembru 2025 bis-seduta tkun fis-6.00 p.m.; u
3. Ir-risposta tal-Prim Ministru ssir nhar it-Tlieta, 4 ta' Novembru 2025 bis-seduta tkun fis-6.00 p.m., u bil-votazzjoni tittieħed fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ta' dakinhar.

Il-Kumitat qabel illi s-seduta li fiha jiġu diskussi r-riżoluzzjonijiet li jaqgħu taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fi stadju ta' Kumitat ta' Provvista tibda fit-3.00 p.m., u dan sabiex il-ħin tad-diskussjoni jitwal b'siegħa.

**Budget 2026**

F'dak li hu aċċess għall-pubbliku l-Ispeaker informa lill-Kumitat illi peress li hemm protesta mħabbra li ssir quddiem il-binja tal-Parlament fil-jum tal-Budget nhar is-27 ta' Ottubru 2025, l-iStrangers' Gallery ser tkun magħluqa għal dik is-seduta, u dan in linea mar-rulings tas-Sedja dwar

dan. Għaż-żewġ seduti l-oħra ser jingħataw il-biljetti tad-dħul liż-żewġ Whips biex jitqassmu minnhom, u dan sakemm ma jkunx hemm protesti oħra f'dawk il-ġranet.

F'dak li għandu x'jaqsam max-xandir ta' dibattiti l-Kumitat qabel li:

a) fis-sala tal-Parlament, b'żieda mal-cameras fissi tal-Parlament, għall-ewwel tliet seduti jkun hemm il-cameras tal-PBS u li l-istess PBS jagħti feed lil kull stazzjon televiżiv li jkun jixtieq ixandar dawn is-seduti;
b) il-PBS jagħti feed lil kull service provider li jkun jixtieq ixandar dawn is-seduti;
c) isiru l-arranġamenti neċessarji sabiex waqt it-trażmissjonijiet imsemmija, ikun hemm servizz għal persuni neqsin mis-smigħ;
d) fil-bidu tal-ewwel tliet seduti msemmija aktar 'il fuq, fotografi u cameramen jitħallew jidħlu għall-ewwel ftit minuti, kemm fil-parti tal-Kamra li tiġi wara l-Ispeaker kif ukoll fl-area riżervata għall-media fit-tieni sular; u
e) fejn jidħlu r-reaction shots mill-PBS ikun hemm tqassim ekwu kemm f'dik li hi alternanza kif ukoll fit-tul ta' ħin, u li tali shots ma jkunux close-ups fuq xi Membru partikolari iżda jkunu jinkludu Membri oħrajn li jkunu wara l-Membru partikolari.

## XOGĦOL IEĦOR

### Ombudsplan 2026 u Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-Sena 2026

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi fl-ewwel seduta wara l-waqfa tas-sajf huwa kien qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Ombudsplan 2026 u l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-Sena 2026 u ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat illi trid tinstab data sabiex dawn l-estimi jkunu diskussi fil-Kumitat qabel ma jgħaddu għall-approvazzjoni tal-Kamra.

Il-Kumitat qabel li dawn iż-żewġ estimi jistgħu jiġu trattati f'laqgħa waħda.

### Rappreżentant tal-Parlament Malti fi Brussell

L-Ispeaker informa lill-Kumitat li f'Settembru 2025 ġiet ċirkolata sejħa għal-applikazzjonijiet fost l-impjegati tas-Servizz Parlamentari għall-post ta' Rappreżentant tal Parlament Malti fi Brussell. L-unika espressjoni ta' interess ġiet mir-Rappreżentant preżenti, is-Sur Andre Vella, li wera x-xewqa li jkompli jservi f'din il-kariga f'każ li ma jkunx hemm applikazzjonijiet oħra.

Fuq proposta tal-Ispeaker il-Kumitat qabel li s-Sur Vella jibqa' fil-kariga sal-31 ta' Diċembru 2026, u li sejħa għall-perjodu ta' wara tinħareġ mhux aktar tard minn Settembru 2026.

### Xogħlijiet Infrastrutturali fuq il-Binja tal-Parlament

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi wara li ftit tal-ġimgħat qabel kienu saru x-xogħlijiet l-aktar urġenti fuq il-pontijiet li jgħaqqdu ż-żewġ blokok tal-binja tal-Parlament, fil-ġranet li ġejjin il-Malita Investments plc kienu ser jipprovdu timeline ta' meta u kif ser jitkomplew ix-xogħlijiet.

### Attivitajiet tal-Parlament

L-Ispeaker iċċirkola lista aġġornata ta' attivitajiet skedati li jsiru fil-Parlament sa tmiem is-sena 2025.

Fil-5.32 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data oħra li kellha tiġi komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**